**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 10/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Omissis**

**Sean Vella**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati, Jason Emanuel Briffa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 121193M u Sean Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 500081M, akkużati talli:

(a) Nhar it-12 ta' Novembru 2004, f'tas-Sliema għall-ħabta ta' 1:45am, bil-ħsieb li jikkomettu delitt, u ċioe' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jiskorri Lm1000, minn fond Royal Art Gallery sitwat fi Triq ix-Xatt, Sliema, għad-detriment ta' Leopoldo Pillow, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom.

Lil Jason Emanuel Briffa waħdu -

(b) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar 2018, fejn il-Qorti iddikjarat li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront

tal-imputati ma ġewx sodisfaċentement ippruvati u sussegwentement illiberathom mill-istess.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2018, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skond il-Liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji sollevati mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedini penali aġġornati tal-appellati eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li fis-seduta tas-27 t'Awwissu 2020, il-Prosekuzzjoni ppreżentat iċ-ċertifikat tal-mewt ta' l-appellat Jason Emanuel Briffa u sussegwentement il-proċeduri kontrih kienu ddikjarati estinti.

Semgħet trattazzjoni limitatament fir-rigward ta'l-appell konċernanti l-appellat rimanenti, u ċioe' Sean Vella.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha u dana għaliex ma fehmitx is-saħħa tal-katina tal-evidenza imressqa mill-Prosekuzzjoni u minflok iffukat fuq il-mankanzi li kien hemm fil-provi, li fil-fehma tiegħu ma kienux itappnu x-xenarju ta' ħtija illi l-provi ndizzjarji kienu qed jindikaw. Skond l-Avukat Ġenerali, dawn l-istess provi ndizzjarji jippuntaw kollha f'direzzjoni waħda, u ċioe' lejn il-ħtija tal-appellati.

Illi stante li fil-mori tal-proċeduri, seħħ id-deċess ta'l-appellat Jason Emanuel Briffa il-Qorti ser tqies l-aggravji imqanqla mill-Avukat Ġenerali sa fejn dawn jikkonċernaw lill-appellat Sean Vella, u dan meta jilmenta illi sar apprezzament żbaljat mill-Ewwel Qorti tal-provi li kien hemm fl-atti. Il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-

ġurisprudenza illi fi stadju ta' reviżjoni ma jsirx apprezzament mill-ġdid tal-provi u li allura l-Qorti tat-tieni grad ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tqies jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

Illi, minn ezami akkurat tal-Atti Proċesswali, jemerġu is-segwenti provi kkumpilati:

**i. L-istqarrija tal-appellat**

Illi, l-appellat irrilaxxja stqarrija nhar it-13 ta' Novembru tas-sena 2004, u ċioe' fi żmien meta il-liġi ma kenitx tagħti jedd lis-suspettat għall-assistenza legali. Illi, huwa prinċipju ta' dritt penali illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġjaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Huma l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial*', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt, li għandhom jiġu skartati billi huma nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija riflessa fl-Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[2]. Issa ma hemmx dubbju li l-istqarrija kienet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien u ċioe' lura fis-sena 2004. Illi huwa minnu wkoll illi l-appellat ma kienx mogħti dritt li jikseb parir legali jew inkella li jkollu avukat waqt l-interrogatorju, madanakollu mill-verbal tas-seduta tal-01 ta' Novembru 2017, kienet id-difiża stess li stiednet lill-Ewwel Qorti tieħu

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

konjizzjoni ta' dawn l-istqarrijiet sabiex b'hekk l-uniku motiv li seta' jwassal lil Qorti tiskarta dawn l-istqarrijiet, u ċioe' il-periklu li l-appellat ma jingħatax smigħ xieraq, kien irrinunzjat mid-difiża stess. Dan ifisser illi din il-prova għandha titqies bħala waħda valida li l-Ewwel Qorti ġustament ħadet konjizzjoni tagħha. Fl-istqarrija tiegħu l-appellat jiċħad l-involviment tiegħu fl-allegat tentattiv ta' serq għalkemm jikkonferma illi huwa kien preżenti fil-lok u l-ħin li fih seħħ l-allegat tentattiv.

**ii. Ix-xhieda tal-parte ċivile Leopoldo Pillow**

Illi, il-proċeduri *de quo* raw it-twelid tagħhom nhar it-12 ta' Novembru 2004, fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, meta l-Pulizija Ezekuttiva rċevew rapport mingħand Leopoldo Pillow, li kien imexxi n-negozju ġewwa l-istabbiliment *Royal Art Gallery,* li kien għadu kemm ra tnejn minn nies jippruvaw jisgassaw is-*shutter* ta' dan l-istess stabbiliment. Huwa jixhed li kien innota lil dawn iz-zewġ persuni ftit tal-ħin qabel, liema persuni kienu pparkjati quddiem l-istabbiliment tiegħu u li kif rawh, saqu minn fuq il-post. Is-Sur Pillow segwa lill-istess vettura ta' lewn blu bil-vettura tiegħu u saħansitra irnexxileu jieħu nota tan-*number plate* tagħha – HAS 415. Ftit tal-ħin wara, l-istess vettura reġgħet irritornat quddiem il-gallarija tal-arti, ħarġu tnejn minn nies minnha, l-ewwel qagħdu ftit bilqegħda, imbagħad reġgħu daħlu fil-vettura, reġgħu ħarġu, marru ħdejn is-*shutter* tal-istabbiliment in kwistjoni u ppruvaw jisgassawh permezz ta' xi forma ta' ħadida. Huwa immedjatament ċempel lill-Pulizija għall-assistenza u f'dak il-ħin, iz-zewġt irġiel – wieħed liebes ġakketta ħamra u l-ieħor liebes ġakketta skura – reġgħu daħlu fil-vettura tagħhom u telqu minn fuq il-post. Pillow, fil-Qorti, madanakollu, ma jirnexxielux jidentifika lill-appellat kif ukoll lil Briffa bħala dawk it-tnejn minn nies li huwa ra ħdejn il-ħanut tiegħu, għalkemm f'xi ħin igħid li għamel *eye contact* magħhom. Pillow lanqas ma jġib prova tat-tentattiv ta'l-isgass li allegatament igħid li seħħ mill-malviventi. Kif lanqas il-Prosekuzzjoni ma tressaq xi prova forensika dwar l-istess, għalkemm ix-xhud jistqarr illi l-Pulizija kienu iffotografaw din l-evidenza.

**iii. Il-vettura tal-għamla Toyota Carina, bil-kulur blu, bin-numru ta' reġistrazzjoni HAS-415**

Illi, sussegwentement għar-rapport tas-Sur Pillow, il-Pulizija Ezekuttiva rrikorriet fuq il-post u bdiet l-investigazzjonijiet tagħha. Infatti, ftit 'il bogħod mill-istabbiliment in kwistjoni nstabet vettura ta' lewn blu, tal-għamla Toyota Carina, bin-numru ta' reġistrazzjoni HAS-415, li huwa l-istess numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li Pillow igħaddi lil Pulizija bħala dak ta-vettura li kien ra quddiem l-istabbiliment tiegħu. Ġewwa din l-istess vettura kien hemm l-appellat u Jason Emanuel Briffa, li qabblu fid-deskrizzjoni ta' ħwejjiġhom ma' dak indikat minn Pillow. Meta saret tfittxija fil-vettura mill-investigaturi nstabu turnavit kbir, par kalzetti u lieva. Sussegwentement, mix-xhieda ta' Christopher Darmanin in rapprezentanza tad-Direttorat tal-Liċenzji u Testijiet tal-Vetturi, ġie kkonfermat li dina l-istess vettura kienet tappartjeni lill-appellat Sean Vella.

iv. **Xiehda tal-investigaturi**.

Illi għalkemm fl-atti kien ippreżentat ir-rapport PIRS li sar in konnessjoni mal-investigazzjonijiet, u li kien ikkonfermat mill-uffiċjal investigattiv li irrediġieh, madanakollu ebda uffiċjal tal-Pulizija ma jidentifika fil-qorti illi l-persuni li kienu interċettati minnhom f'dik il-lejla kienu proprju l-appellat u Briffa.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza mpunjata, qieset illi dawn il-provi kienu wisq fjakki sabiex tinstab ħtija u dan għaliex Pillow ma setax jidentifika lill-malviventi li lemaħ quddiem l-ħanut tiegħu bħala iż-żewġ imputati, għalkemm *a tempo vergine* kien għadda in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u ta deskrizzjoni tagħha u ta' dak li kienu lebsin il-malviventi lil pulizija. Kif lanqas kienu identifikati fil-qorti, kf ingħad, iż-żewġ imputati mill-Uffiċjal Prosekutur u mis-surġent Fleri li kien qed imexxi l-investigazzjoni sabiex l-Ewwel Qorti qieset illi din il-*lacuna* fil-provi kellha timmilita favur iż-żewġ imputati. Qieset ukoll illi l-provi ċirkostanzjali ma kenux univoċi u għalhekk ma kenux jippuntaw fid-direzzjoni tar-reita' lil hinn minn kull dubbju.

Minn naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali qed jikkontendi li kien hemm bizzejjed provi ndizzjarji sabiex l-istess Qorti issib ħtija fl-appellat. Illi:

**Huwa prinċipju fondamentali fil-proċess kriminali li l-liġi teżiġi li kull min jrid jipprova xi ħaġa, għandu jressaq l-aħjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-aħjar prova mhix disponibbli. Hu veru wkoll, iżda, li min għandu jiġġudika jista'', skond il-liġi, u minkejja dan il-prinċipju fondamentali appena msemmi, joqgħod fuq ix-xhieda anke ta' persuna waħda jekk b'dak li tgħid din il-persuna, jikkonvinċi lill-gudikant sal-grad tal-konvinċiment morali mill-ħtija tal-persuna akkużata.**

**L-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. Ovvjament jekk fatt jew ċirkostanzi jistgħu raġonevolment jingħataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni waħda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-liġi, sabiex in bażi tagħha tista' tinstab ħtija. Kif tgħid u titlob il-liġi, biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bhala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univocita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-liġi.**

**Wieħed għandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja għaliex għalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li faċilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jgħamel l-interpretazzjoni w apprezzament tagħha[3].**

Illi, spjanat dan l-insenjament ġuridiku huwa indubitat illi f'dan il-kaz, taħt il-lenti ta' dina l-Qorti, għalkemm f'ċerti aspetti huwa minnu li l-provi huma mankanti, madanakollu jeżistu diversi indizji li huma b'saħħithom, b'mod ewlieni il-vettura tal-appellat Vella u l-oġġetti misjuba fiha. Issa għalkemm huwa minnu illi billi ħadd mix-xhieda mismugħa ma jidentifikaw liż-żewġ imputati u ċioe' lil Vella u lil Briffa bħala l-istess tnejn minn nies li kienu interċettati f'dik il-lejla mill-pulizija u li kienu osservati minn Pillow qed jippruvaw jisgassaw l-istabbiliment tiegħu, madanakollu huwa indubitat illi kienu proprju l-imputati dawk it-tnejn minn nies li osserva Pillow qed jipprovaw jiftħu is-*shutter* tal-ħanut b'biċċa ħadida u dan għaliex x-xhud igħid illi segwa il-vettura tal-imputati bil-vettura tiegħu il-ħin kollu meta dawn saqu minn fuq il-post fejn waqqfu ħdejn is-Sliema Hotel u minn hemmhekk huma kienu interċettati mill-Pulizija li waqqfuhom. Dan ifisser illi għalkemm Pillow ma jidentifikax lill-

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002.

imputati fil-qorti, madanakollu jidher illil huwa baqa' isegwi it-tnjen minn nies li osserva qed jippruvaw jisgassaw is-*shutter* tul il-ħin kollu minn meta waqqfu quddiem il-ħanut għall-ewwel darba sakemm imbagħad kienu interċettati mill-pulizija wara li kien għamel ir-rapport tiegħu. Imbagħad prova forensika li verament kien seħħ sgass fl-istabbilment ta' Pillow ma tressqitx mill-Prosekuzzjoni. Pillow stess ma jixhidx f'hiex kien jikkonsisti dan l-isgass u xi ħsara, jekk kien hemm, seħħet fuq il-bieb tal-ħanut li huwa osserva jiġi sgassat.

Issa huwa minnu dak li stqarret l-Ewwel Qorti illi dan il-proċess ġudizzjarju twal għal diversi snin inutilment u li l-Prosekuzzjoni setgħat għamlet xogħolha iktar bir-reqqa. Huwa minnu wkoll li la l-parte ċivile u lanqas il-membri tal-Pulizija li telgħu jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti ma ntalbu jiddentifikaw lill-appellat. Kif inhu minnu tassew illi fl-ebda ħin, il-Pulizija ma ddeponew fuq l-abbiljament ta'l-appellat u sieħbu meta dawn kienu imwaqqfa minnhom ġewwa l-vettura li d-deskrizzjoni tagħha ikkombaċat ma' dik l-informazzjoni mogħtija lilhom mill-vittma Pillow – prova li ċertament kienet tgħin issaħħaħ t-tezi tal-Prosekuzzjoni. Madanakollu l-Qorti m'għandiex dubbju li t-tnejn minn nies osservati minn Pillow fil-jum indikata fl-akkuża ħdejn l-istabbiliment tiegħu ma kienu ħadd ħlief l-appellat Vella u sieħbu Jason Emanuel Briffa, llum defunt, u allura l-Ewwel Qorti errat meta qieset illi in-nuqqas ta' identifikazzjoni waslet għal xi dubbju dwar l-involviment taż-żewġ imputati b'dan it-tentattiv ta' serq. Dan għaliex:

1. Ix-xhud Pillow jindika ċar u tond fid-deposizzjoni tiegħu li huwa baqa' isewgi l-vettura ta' dawn il-malviventi mill-ewwel mument li lemaħhom quddiem il-ħanut sakemm finalment, wara li għamel ir-rapport, waslu minnufih il-pulizija u bdew isewgu il-vettura li kien indikalhom hu. Dawn finalment twaqqfu mill-pulizija, kienu arrestati u interrogati u wara tressqu il-qorti taħt arrest.
2. Il-vettura użata mill-malviventi fit-tentattiv tal-kummissjoni tar-reat, u li osserva Pillow, tant illi għadda in-numru ta' reġistrazzjoni ta'l-istess u bis-saħħa ta' din l-informazzjoni l-pulizija setgħu jaslu sabiex jinterċettaw lil dawn iż-żewġ malviventi, hija vettura reġistrata f'isem l-appellat. L-appellat flimkien mal-kompliċi tiegħu jiġu interċetttai mill-pulizija ftit tal-ħin wara li daħal ir-

rapport proprju f'din il-vettura. It-testimonjanza ta' Leopoldo Pillow, kienet ċara u ddetaljata. Indika illi huwa kien għadda l-informazzjoni kollha li osserva fuq ix-xena lill-investigaturi u kien bis-saħħa ta' din l-informazzjoni li l-Pulizija rnexxielhom, kif ingħad, jirrintraċċaw lill-appellat u il-kompliċi tiegħu.

3. Ix-xiehda ts-surġent Fabian Fleri li għalkemm ma jixhidx fid-dettall madanakollu jikkonferma ir-rapport PIRs[4] redatt minnu, f'liema rapport hemm indikat fid-dettall l-*iter* li sewgiet l-investigazzjoni tal-pulizija.
4. Ġewwa l-vettura li fiha nstab l-appellat, liema vettura kienet l-istess waħda li Pillow ra quddiem l-istabbiliment tiegħu, saħansitra nstabet lieva, turnavit u par kalzetti suwed.

Dawn l-indizzji, fl-assjem tagħhom, lkoll jippuntaw f'direzzjoni waħda univoka, u ċioe' li l-appellat, flimkien ma' Jason Emanuel Briffa, dakinhar tat-12 ta' Novembru 2004, kienu ppruvaw jisgassaw is-*shutter* tar-*Royal Art Gallery*, wara li kienu osservati minn Pillow qegħdin jittawwlu gol-vetrina tal-istabbiliment u wara jippruvaw jillievaw is-*shutter*. Dawn il-fatti għalhekk abbinati flimkien, kuntrarjament għal dak li ssostni d-difiża, ma jħallu ebda dubbju illi l-intenzjoni tal-appellat u sieħbu kienet dik li jikkomettu serqa minn dan il-ħanut u dan meta saħanistra instabu fil-pussess ta' għodda u parafernalja oħra intiża għal dan l-iskop. Din is-serqa ġiet sfrattata minn Pillow stess meta huwa għolla leħnu waqt li kien qed jagħmel ir-rapport lil Pulizija u għalhekk l-appellat u Briffa ġew allertati għal presenza tiegħu u ħarbu minn fuq il-post.

Imbagħad finalment il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellat fl-istqarrija tiegħu tikkonferma illi kien hu l-persuna li waqaf quddiem l-istabbiliment ta' Pillow fil-Gżira f'dik il-lejla bil-vettura tiegħu u ħadd iktar. Igħid hekk fl-istqarrija tiegħu:

> **"Il-Pulizija saqsewna x'konna qed naghmlu fejn il-Forrestals, u jien ghedtlu li konna waqafna hemm ghax Jason kien waqaf ipejjep sigarett ghax fil-karozza ma nhallihx ipejjep. Waqafna hdejn il-Forestals ghax is-showroom hija mdawla u ma tidirjx kerha li jkun zewg persuni fejn showroom f'dawk**

[4] Dok A eżebit mix-xhud Fleri

**il-hinijiet. ..... Irrid nghid ukoll li jista' jkun li waqt li konna qeghdin hemm qaghdna inharsu lejn is-showrooms li kien hemm."**

Għalhekk, apparti li jikkonferma li l-vettura ndikata minn Pillow lil Pulizija hija tiegħu, jammetti ukoll illi dak in-nhar kien akkompanjat minn Jason Emanuel Briffa u li niżlu mill-vettura u qagħdu iħarsu lejn il-vetrini waqt li Briffa kien qed ipejjep sigarett, liema motiv, fil-fehma tal-Qorti dwar dak li wassal lilu u lil Briffa jkunu preżenti fuq ix-xena tar-reat hija għal kollox inverosimili. Lanqas ma jagħti raġuni plawsibbli l-appellat 'il għala kellu lieva fil-vettura tiegħu u għalkemm jindika lil din iżommha minħabba fix-xogħol tiegħu, madanakollu ma jressaq ebda prova, għallinqas sal-grad tal-probabbli, sabiex jissostanzja dak minnu dikjarat f'din l-istqarrija u allura sabiex jiġġustifika il-presenza ta' lieva flimkien mat-turnavit u par kalzetti fil-vettura f'dak il-ħin ta' bil-lejl.

Illi dan magħdud, madanakollu l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq xi prova dwar il-kwalifika tal-valur ta' dak li seta' jisraq l-appellat kieku rnexxielu effettivament jikkommetti serqa mill-istabbiliment in kwistjoni. Minn naħa l-oħra, il-kwalifiki tal-mezz u tal-ħin ġew ampjament ippruvati.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Qorti tqis li l-aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment, u illi l-Ewwel Qorti errat meta qieset illi il-provi li kien hemm fl-atti ma kenux raġjonevolment iwasslu għal sejbien ta' ħtija.

Illi meta tiġi biex tqies il-piena li għandha tkun inflitta l-Qorti ma tistax tinjora it-trapass konsiderevoli ta' żmien li damu għaddejjin dawn il-proċeduri u li fil-maġġior parti tagħhom ma kienx dovut għal xi ħtija da parti tal-appellat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(f), 263, 264, 265, 270, 278, 28A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tiddikjara il-proċediment estint fil-konfront tal-appellat Jason Emmanuel Briffa stante il-mewt ta'l-istess, issib lill-appellat Sean Vella ħati tal-imputazzjoni unika dedotta fil-konfront tiegħu, ħlief għall-aggravanti tal-valur għar-reat tas-serq billi dan ma kienx ippruvat, u tikkundannah għall-perijodu ta' għaxar xhur priġunerija, li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi**

**Kriminali dan it-terminu ta' priġunerija qed jiġi sospiz għall-perijodu ta' sena mid-data ta' din is-sentenza.**

***In oltre*, a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti tordna lill-appellat Sean Vella sabiex iħallas <u>nofs</u> l-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-esperti fil-proċeduri odjerni, ammontanti għal €90.73[5], u dana fi żmien sena mid-data ta' dina s-sentenza.**

**Il-Qorti spjegat lill-appellat bi kliem ċar il-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[5] Rapport tal-espert Joseph Zammit fl-ammont ta' Lm77.88 konvertiti f'ewro bir-rata ta' €2.33 għal kull Lm1 jammontaw għal €181.46, bin-nofs għalhekk jasal għal €90.73.